**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 7 TA' NOVEMBRU, 2001

**Numru: 3**

**Avviz Nru: 1032/01 AE**

**Dereco Stores Ltd gja maghrufa bhala Derek Cold Stores Limited**

**Vs**

**Claudio Cutajar.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas ta' erbgha u erbghin lira Maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm44.24) hlas dovut ghal ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija gewwa l-International Hotel Beach Lido.

Semgha lill-avukat Dr. Anthony Cutajar in rapprezentanza tas-socjeta attrici, jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra li l-konvenut ghalkemm notifikat bl-avviz tat-talba baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher fis-seduti tat-2 ta' Novembru 2001 u tal-lum.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' erbgha u erbghin lira Maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm44.24). Bl-imghax mill-1 ta' Ottubru 2000 u bl-ispejjez (skond l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**